



Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

6363/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0147(COD)**

**CONSOM 42
MI 107
COMPET 105
EF 46
ECOFIN 140
DIGIT 22
CODEC 180
CYBER 31**

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	6065/23
Nru dok. Cion:	9053/22 + ADD1-4
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE¹. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

¹ Id-dok. 9053/22 + ADD 1-4.

2. Ir-rieżami tad-Direttiva attwali dwar it-Tqegħid fis-Suq b'Distanza ta' Servizi Finanzjarji ta' Konsumaturi² tħabbret fl-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida³ tal-Kummissjoni u ġiet appoġġata mill-Kunsill fil-konklużjonijiet relatati tiegħu⁴ bil-ħsieb li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur.
3. Il-proposta taġġorna u timmodernizza l-qafas ġenerali (li jaġixxi bħala xibka ta' sikurezza) għall-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod billi tħassar il-qafas leġislattiv fis-seħħ u tinkludi aspetti rilevanti tad-drittijiet tal-konsumatur fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur applikabbli orizzontalment⁵.
4. L-objettivi ewlenin tal-proposta huma:
 - i) li jiġi żgurat qafas simplifikat u li jibqa' validu fil-futur għas-servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod,
 - ii) li tingħata protezzjoni aħjar lill-konsumaturi fl-ambjent diġitali,
 - iii) li jitnaqqas il-piż bla bżonn u li jiġu pprovduti kondizzjonijiet ekwivalenti għall-fornituri ta' servizzi finanzjarji, u b'hekk jitrawwem il-forniment transfruntier ta' tali servizzi.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2022⁶.
6. Fil-Parlament Ewropew, il-kumitat responsabbli huwa l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), filwaqt li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) ser jipprovdi l-opinjoni tiegħu bħala kumitat assoċjat. Ir-rapporteur għall-fajl hija s-Sinjura Arba KOKALARI (PPE, Żvezja). Il-votazzjoni dwar il-rapport tal-Kumitat IMCO hija ppjanata għas-27 u t-28 ta' Marzu 2023.

² Id-Direttiva 2002/65/KE.

³ Id-dok. 12976/20 (COM/2020/696 final).

⁴ Id-dok. 6364/21.

⁵ Id-Direttiva 2011/83/UE.

⁶ INT/994 – EESC-2022.

II. ĦIDMA MWETTQA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

7. Fit-30 ta' Ġunju 2022, matul il-Presidenza Franċiża, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni u l-
Informazzjoni tal-Konsumatur, u sar l-ewwel skambju ta' fehmiet. L-eżami artikolu b'artikolu tal-proposta beda f'Lulju 2022 taħt il-Presidenza Ċeka, li ddedikat ħames laqgħat għall-eżami dettaljat u d-diskussjoni tal-proposta. Il-Grupp ta' Ħidma kompli d-diskussjoni tal-proposta taħt il-Presidenza Żvediża (laqgħa waħda).
8. Il-Presidenza ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma sitt proposti ta' kompromess li tfasslu abbażi ta' kummenti bil-fomm u bil-miktub mid-delegazzjonijiet u t-tweġibiet tagħhom għal kwestjonarji mmirati. Matul din il-ħidma l-proposta ġiet adattata bil-ħsieb li takkomoda t-tħassib imqajjem mill-Istati Membri, kif deskritt fit-taqsimi III. hawn taħt. Saru wkoll għadd ta' modifiki tekniċi biex jiġi ċċarat u kkomplementat it-test fejn meħtieġ.
9. It-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness jirrifletti l-isforzi kontinwi tal-Presidenza biex jinstab bilanċ bejn il-pożizzjonijiet differenti tad-delegazzjonijiet, filwaqt li jinżammu l-oġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-bidliet meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni huma indikati **b'tipa grassa u sottolinjata** u/jew [...].
10. Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Frar 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) approva t-test ta' kompromess⁷ u qabel li jgħaddih lill-Kunsill (Kompetittività) tat-2 ta' Marzu 2023, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali. L-Italja u l-Lussemburgu ppreżentaw dikjarazzjonijiet kif jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.

⁷ Id-dok. 6065/23.

III. BIDLIET GĦALL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

11. Bidliet ewlenin

a) Livell ta' armonizzazzjoni

Objettiv importanti tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jiġi żgurat l-istess livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-suq uniku kollu, u dan għandu jinkiseb permezz ta' armonizzazzjoni sħiħa. Id-Direttiva tal-2002 ippermettiet lill-Istati Membri jmorru lil hinn mil-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur stabbilit fil-livell tal-UE fir-rigward tal-informazzjoni prekuntrattwali. Għall-Istati Membri li użaw din l-għażla, il-proposta tal-Kummissjoni tkun tffisser li jitbaxxa l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur. It-test ta' kompromess għalhekk jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li japplikaw dispożizzjonijiet aktar stretti f'dan il-qasam.

b) Kamp ta' applikazzjoni – xibka ta' sikurezza

Diversi Stati Membri qiesu li huwa essenzjali li jiġi ċċarat kif id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni speċifika għall-prodott, pereżempju fil-każ ta' servizzi finanzjarji espliċitament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur jew koperti biss parzjalment minnhom. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, it-test ta' kompromess ikompli jispjega l-interazzjoni bejn id-Direttiva u l-leġislazzjoni settorjali. Sabiex tiġi żgurata aktar ċarezza għall-konsumatur u biex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' settijiet differenti ta' regoli għal prodotti finanzjarji ta' natura simili, it-test ta' kompromess jippermetti wkoll lill-Istati Membri jagħżlu li japplikaw ċerti regoli speċifiċi għall-prodott dwar id-dritt ta' rtirar għal ċerti prodotti finanzjarji speċifiċi. Il-premessi jipprovdu kjarifika sostanzjali f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, it-test ta' kompromess iżid dispożizzjonijiet (artikoli) oħra tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur sabiex dawn japplikaw għal kuntratti ta' servizzi finanzjarji, bħal dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti telefoniċi, il-bejgħ mhux mitlub, ir-rappurtar u l-possibbiltà għall-Istati Membri li jżommu u jintroduċu rekwiżiti lingwistiċi fil-liġi nazzjonali rigward l-informazzjoni prekuntrattwali.

c) Buttuna ta' rtirar

Buttuna ta' rtirar, jew funzjoni simili, iżżid l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-dritt tagħhom ta' rtirar u l-faċilitajiet biex jirtiraw minn kuntratt. Għal kuntratti mill-bogħod b'mod ġenerali, huwa importanti li ma jkunx aktar ikkumplikat li wieħed jirtira mill-kuntratt milli li wieħed jidħol għalih. Sabiex tissaħħaħ aktar il-protezzjoni tal-konsumatur, it-test ta' compromess jipproponi li ma tiġix limitata l-applikazzjoni tal-buttuna tal-irtirar għas-servizzi finanzjarji. Minflok, it-test jipproponi li d-dispożizzjonijiet rilevanti jitmexxew għall-kapitolu ġenerali tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, u b'hekk jiġi żgurat kamp ta' applikazzjoni orizzontali għall-kuntratti konklużi mill-bogħod. Barra minn hekk, it-test ta' compromess jipproponi xi bidliet tekniċi għat-tfassil tal-buttuna tal-irtirar sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħha u jkun aktar faċli għall-konsumaturi li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

d) Interfaċċi online

It-test ta' compromess iħassar id-dispożizzjoni dwar protezzjoni addizzjonali fir-rigward tal-interfaċċi online, għar-raġuni li jkun diffiċli ħafna għall-awtoritajiet tal-konsumatur biex jivvalutaw jekk l-obbligu kienx inkiser. F'dan ir-rigward, il-leġiżlazzjoni orizzontali rilevanti, bħall-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali⁸ u d-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali⁹ jistgħu jkunu strumenti aktar xierqa għar-regolamentazzjoni ta' tali obbligi.

B'sostituzzjoni ta' din id-dispożizzjoni, iddaħħlet klawżola ta' reviżjoni li teħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta kif l-istruttura, id-diżinn, il-funzjoni jew il-mod ta' kif jitħaddmu l-interfaċċi online użati mill-kummerċjanti jaffettwaw il-kapaċità tal-konsumaturi li jieħdu deċiżjonijiet ħielsa, awtonomi u infurmati.

12. Bidliet importanti oħra

- a) Divulgazzjoni ta' informazzjoni: L-oġettiv tal-bidliet proposti huwa li jiġu mmodernizzati l-obbligi ta' informazzjoni prekuntrattwali li jibqgħu validi fil-futur.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2022/2065.

⁹ Id-Direttiva 2005/29/KE.

- b) Spjegazzjonijiet adegwati: Peress li l-kuntratti skont id-Direttiva jistgħu jkunu ta' natura differenti u jvarjaw b'mod konsiderevoli, it-test ta' kompromess jipproponi li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw il-mod li bih jingħataw spjegazzjonijiet adegwati għaċ-ċirkostanzi li fihom jiġi offrut is-servizz u għall-ħtieġa tal-konsumatur għall-assistenza.
- c) Allinjament mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur li qed jiġu nnegożjati bħalissa:
- Limitazzjoni temporali tad-dritt ta' rtirar: biex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali, it-test ta' kompromess jipproponi li jiġi stabbilit limitu ta' żmien għal dan id-dritt ta' rtirar, aktar speċifikament 12-il xahar u 14-il jum, jekk il-konsumatur ma jkunx irċieva l-informazzjoni kuntrattwali skont ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva, ħlief meta l-konsumatur ma jkunx ġie infurmat dwar id-dritt ta' rtirar stess.
 - Penali: it-test ta' kompromess jipproponi t-tneħħija tar-rekwiżit li jiġu imposti multi ta' ammont massimu ta' mill-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-kummerċjant fil-każ ta' ksur transkonfinali serju.
- d) Traspożizzjoni: It-test ta' kompromess jipprevedi perjodu ta' traspożizzjoni itwal biex l-industrija tingħata biżżejjed żmien biex tadatta għar-regoli l-ġodda tal-UE. Is-sitt xhur addizzjonali jippermettu lin-negożji jagħmlu l-bidliet meħtieġa fis-sistemi tal-IT tagħhom u jaġġornaw il-proċessi tagħhom.

IV. KONKLUŻJONI

13. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill (Kompetittività) huwa mistieden jaqbel dwar approċċ ġenerali abbażi tat-test li jinsab fl-Anness, u jagħti mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negożjati mal-Parlament Ewropew.

2022/0147 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ...
² ...

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ tistabbilixxi regoli fil-livell tal-Unjoni dwar it-tqegħid fis-suq mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur. Fl-istess ħin, id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ tistabbilixxi, fost l-oħrajn, regoli applikabbli għal kuntratti mill-bogħod għall-bejgħ ta' oġġetti u għall-forniment ta' servizzi konklużi bejn kummerċjant u konsumatur.
- (2) L-Artikolu 169(1) u l-Artikolu 169(2) il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedu li l-Unjoni tikkontribwixxi biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur permezz tal-miżuri li tadotta skont l-Artikolu 114 tiegħu. L-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") jipprevedi li l-politiki tal-Unjoni jridu jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.
- (3) Fil-qafas tas-suq intern, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-libertà tal-għażla, huwa meħtieġ livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fil-qasam tal-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fil-bejgħ mill-bogħod.
- (4) L-iżgurar tal-istess livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-suq intern jinkiseb l-aħjar permezz ta' armonizzazzjoni sħiħa. Armonizzazzjoni sħiħa hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha fl-Unjoni jgawdu livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-interessi tagħhom u biex jinħoloq suq intern li jiffunzjona tajjeb. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jitħallewx iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali għajr dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, fir-rigward tal-aspetti koperti mid-Direttiva, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva. Fejn tali dispożizzjonijiet armonizzati ma jeżistux, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu ħielsa li jżommu jew jintroduċu leġiżlazzjoni nazzjonali.

³ Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 98/7/KE u 98/27/KE (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16).

⁴ Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

- (5) Id-Direttiva 2002/65/KE kienet is-suġġett ta' rieżamijiet differenti. Dawk ir-rieżamijiet żvelaw li l-introduzzjoni progressiva ta' leġislazzjoni tal-Unjoni speċifika għall-prodott wasslet għal trikkib sinifikanti mad-Direttiva 2002/65/KE u li d-diġitalizzazzjoni aggravat xi aspetti li mhumiex indirizzati bis-sħiħ minn dik id-Direttiva.
- (6) Id-diġitalizzazzjoni kkontribwiet għal żviluppi tas-suq li ma kinux previsti fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Direttiva 2002/65/KE. Fil-fatt, l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi minn dak iż-żmien ġabu bidliet sinifikanti fis-suq tas-servizzi finanzjarji. Għalkemm ġew adottati ħafna atti speċifiċi għas-settur fil-livell tal-Unjoni, is-servizzi finanzjarji offruti lill-konsumaturi evolwew u ddiversifikaw b'mod konsiderevoli. Tfaċċaw prodotti ġodda, b'mod partikolari fl-ambjent online, u l-użu tagħhom qed ikompli jiżviluppa, spiss b'mod rapidu u mhux previst. F'dan ir-rigward, l-applikazzjoni orizzontali tad-Direttiva 2002/65/KE tibqa' rilevanti. L-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/65/KE għal servizzi finanzjarji tal-konsumatur mhux regolati minn leġislazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur fissret li, sett ta' regoli armonizzati japplika għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tal-kummerċjanti. Din il-karatteristika ta' "xibka ta' sikurezza" tikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-kummerċjanti.
- (7) Sabiex jiġi indirizzat il-fatt li l-introduzzjoni progressiva ta' leġislazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur wasslet għal trikkib sinifikanti ta' dik il-leġislazzjoni mad-Direttiva 2002/65/KE u li d-diġitalizzazzjoni aggravat xi aspetti li mhumiex indirizzati bis-sħiħ mid-Direttiva, inkluż kif u meta l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-konsumatur, huwa meħtieġ li jiġu riveduti r-regoli applikabbli għall-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi bejn konsumatur u kummerċjant mill-bogħod, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-karatteristika ta' "xibka ta' sikurezza" **għas-servizzi finanzjarji li jew mhumix koperti minn leġislazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur jew huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi.**

- (8) Id-Direttiva 2011/83/UE, b'mod simili għad-Direttiva 2002/65/KE, tipprevedi dritt għal informazzjoni prekuntrattwali u dritt ta' rtirar għal ċerti kuntratti tal-konsumatur konklużi mill-bogħod. Madankollu, din il-komplementarjetà hija limitata peress li d-Direttiva 2011/83/UE ma tkoprix servizzi finanzjarji[...], **li huma definiti bħala servizzi ta' natura bankarja, ta' kreditu, ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni personali, ta' investment jew ta' pagament. F'dan il-kuntest, kont ta' tfaddil għad-dar u ftehim ta' kreditu għall-konsumatur jenħtieġ li jitqiesu bħala servizzi finanzjarji. Il-bejgħ ta' oġġetti bħal metalli prezzjużi, djamanti, inbid jew whiskey jenħtieġ li ma jitqisux bħala servizz finanzjarju per se.**
- (9) L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/83/UE biex ikopri s-servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod jenħtieġ li tiżgura l-komplementarjetà meħtieġa. Madankollu, minħabba n-natura partikolari tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, b'mod partikolari minħabba l-kumplessità tagħhom, mhux id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2011/83/UE jenħtieġ li japplikaw għall-kuntratti ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur konklużi mill-bogħod. Kapitolu ddedikat b'regoli applikabbli biss għall-kuntratti ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur konklużi mill-bogħod jenħtieġ li jiżgura ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali meħtieġa.
- (9a) Il-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi b'xi mod ieħor li mhuwiex mill-bogħod mhumix koperti minn din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu għalhekk jiddeterminaw, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, liema regoli japplikaw għal tali kuntratti, inkluż billi japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva għal kuntratti mhux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.**
- (10) Filwaqt li mhux id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2011/83/UE jenħtieġ li japplikaw għal kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod minħabba n-natura speċifika ta' dawk is-servizzi, għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/83/UE, bħal definizzjonijiet rilevanti, regoli dwar pagamenti addizzjonali, dwar infurzar, [...] penali, **bejgħ mhux mitlub u rappurtar**, jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tiżgura l-komplementarjetà bejn it-tipi differenti ta' kuntratti konklużi mill-bogħod. L-estensjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-penali tad-Direttiva 2011/83/UE ser tiżgura li jiġu imposti multi effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq il-kummerċjanti [...].

- (11) Kapitolu ddedikat fid-Direttiva 2011/83/UE jenħtieġ li jkun fih ir-regoli li għadhom rilevanti u meħtieġa tad-Direttiva 2002/65/KE, b'mod partikolari dwar id-dritt għal informazzjoni prekuntrattwali u d-dritt ta' rtirar, u regoli li jiżguraw il-korrettezza online meta jiġu konklużi kuntratti ta' servizzi finanzjarji mill-bogħod.
- (12) Peress li l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji mill-bogħod huma konklużi l-aktar b'mezzi elettroniċi, ir-regoli dwar l-iżgurar tal-korrettezza online meta s-servizzi finanzjarji jiġu kkuntrattati mill-bogħod jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 114 TFUE u tal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Ir-regola dwar spjegazzjonijiet adegwati jenħtieġ li tiżgura trasparenza miżjuda u tipprovdi lill-konsumatur bil-possibbiltà li jitlob intervent uman meta jinteraġixxi mal-kummerċjant permezz ta' interfaċċi online **kompletament awtomatizzati**, bħal chatbots[...], **roboadvice, għodod interattivi** jew [...] **mezzi** simili. [...] **Regoli oħra li jiżguraw il-korrettezza online kif stabbiliti f'atti oħra tal-Unjoni, bħar-Regolament 2022/2065/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, jistgħu japplikaw meta s-servizzi finanzjarji jiġu kkuntrattati mill-bogħod permezz ta' mezzi elettroniċi. Fl-interess li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta kif l-istruttura, id-disinn, il-funzjoni jew il-mod ta' kif jitħaddmu l-interfaċċi online użati mill-kummerċjanti jaffettwaw l-abilità tal-konsumaturi li jiehdju deċiżjoni jew li jagħmlu għażla ħielsa, awtonoma u infurmata. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina Prattiki bħal tranżazzjonijiet f'waqthom li jsiru sabiex jinħoloq sens ta' urġenza fil-konsumaturi biex titħaffef il-konklużjoni ta' kuntratt u l-użu ta' ottimizzazzjoni diskriminatorja tal-prezzijiet abbażi tas-sensittività individwali tal-prezzijiet.**

⁵ **Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1)**

- (13) Ċerti servizzi finanzjarji għall-konsumatur huma rregolati minn atti speċifiċi tal-Unjoni, li ser jibqgħu japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ jiġi ċċarat li meta att ieħor tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi jkun fih regoli dwar informazzjoni prekuntrattwali, [...] dwar [...] id-dritt ta' rtirar **jew dwar spjegazzjonijiet adegwati, u irrispettivament mil-livell ta' dettall ta' dawk ir-regoli,** jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet rispettivi biss ta' dawk l-atti l-oħra tal-Unjoni għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi tal-konsumatur sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawk l-atti, **inkluż il-possibbiltà espliċita li l-Istati Membri jeskludu l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli speċifiċi. F'dan il-kuntest, kull meta att speċifiku tal-Unjoni jistabbilixxi regoli li joffru lill-Istati Membri l-possibbiltà li ma japplikawx dak l-att speċifiku tal-Unjoni iżda minflok jirreferu għall-applikazzjoni ta' att speċifiku ieħor tal-Unjoni, bħal fl-Artikolu 3(3) a) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali⁶,** jenħtieġ li jipprevalu r-regoli ta' dak l-att speċifiku tal-Unjoni, u jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax. Bl-istess mod, **f'dawk il-każijiet fejn l-att speċifiku tal-Unjoni jipprevedi regoli dwar arranġamenti alternattivi adegwati biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jirċievu informazzjoni f'waqtha fl-istadju prekuntrattwali, bħal fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/17/UE, jenħtieġ li jipprevalu r-regoli stabbiliti f'dak l-att speċifiku tal-Unjoni u jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax.**

⁶ **Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).**

(13a) Fir-rigward tal-informazzjoni prekuntrattwali, ċerti atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi fihom regoli adattati għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi mfassla biex jiżguraw li l-konsumaturi jkunu kapaċi jifhmu l-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratt propost. Pereżempju, ir-Regolament (UE) 2019/1238 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP)⁷, id-Direttiva 2014/92/UE dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi⁸, id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji⁹ jew id-Direttiva (UE) 2016/97 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni¹⁰, jipprevedu informazzjoni prekuntrattwali kemm fl-att bażiku speċifiku tal-Unjoni kif ukoll jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati jew ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li japplikaw ir-rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali biss stabbiliti f'atti tal-Unjoni bħal dawn għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi tal-konsumatur, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawk l-atti. Jenħtieġ li dan ikun ukoll il-każ meta l-att tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi jipprevedi regoli differenti jew minimi dwar informazzjoni prekuntrattwali meta mqabbla mar-regoli stabbiliti minn din id-Direttiva.

⁷ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1.

⁸ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214.

⁹ Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Meju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349–496).

¹⁰ Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19–59).

(13b) Fir-rigward tad-dritt ta' rtirar, meta l-att tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi jagħti lill-konsumaturi żmien biex jikkunsidraw l-implikazzjonijiet tal-kuntratt iffirmat, u irrispettivament minn x'jissejjaħ minn dak l-att tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw biss id-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dak l-att tal-Unjoni għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi tal-konsumatur sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dak l-att. Pereżempju, meta japplika l-Artikolu 186 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, japplikaw ir-regoli dwar il-"perjodu ta' kanċellament" stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE u mhux ir-regoli dwar id-dritt ta' rtirar stabbiliti f'din id-Direttiva u meta japplika l-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², **japplikaw ir-regoli dwar il-possibbiltà li jagħżlu bejn id-dritt ta' rtirar u l-perjodu ta' riflessjoni stabbiliti fid-Direttiva 2014/17/UE, mhux** ir-regoli dwar id-dritt ta' rtirar skont din id-Direttiva [...].

¹¹ Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

¹² Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

(13c) Fir-rigward ta' regoli dwar spiegazzjoni adegwata, [...] ċerti atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi, bħad-Direttiva 2014/17/UE dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali¹³, id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji¹⁴ u d-Direttiva (UE) 2016/97 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni¹⁵, diġà jistabbilixxu regoli dwar spiegazzjonijiet adegwati li l-kummerċjanti għandhom jagħtu lill-konsumaturi fir-rigward tal-kuntratt propost. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-regoli dwar l-ispejgazzjonijiet adegwati stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ma japplikawx għal servizzi finanzjarji li jaqgħu taħt atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi li jkun fihom regoli dwar [...] spiegazzjoni adegwata li għandha tingħata lill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, irrispettivament minn x'tissejjaħ f'dak l-att tal-Unjoni.

¹³ Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34)

¹⁴ **Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349–496).**

¹⁵ **Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19–59).**

(13d) Meta atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi jipprevedu regoli dwar informazzjoni prekuntrattwali iżda ma jistabbilixxux regoli dwar id-dritt ta' rtirar, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dritt ta' rtirar ta' din id-Direttiva. Pereżempju, id-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) tistabbilixxi regoli dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali iżda fir-rigward tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja ma tistabbilixxix dritt li jipprovdi żmien lill-konsumatur biex jikkunsidra l-implikazzjonijiet tal-kuntratt iffirmit. F'dak il-każ, jenħtieġ li japplikaw ir-regoli dwar l-informazzjoni prekuntrattwali stabbiliti fl-att tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi u jenħtieġ li japplikaw ir-regoli dwar id-dritt ta' rtirar kif stabbiliti f'din id-Direttiva. Meta att tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi ma jkunx fih dispożizzjonijiet dwar informazzjoni dwar id-dritt ta' rtirar, jenħtieġ li l-kummerċjant jipprovdi din l-informazzjoni skont din id-Direttiva sabiex jiżgura għarfien xieraq ta' informazzjoni mill-konsumatur.

(13e) Meta atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi jipprevedu regoli dwar informazzjoni prekuntrattwali iżda ma jistabbilixxux regoli dwar id-dritt ta' rtirar, jenħtieġ li japplika l-perjodu għall-irtirar stabbilit f'din id-Direttiva u jibda jew mill-jum tal-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod skont l-Artikolu 16b (1a) ta' din id-Direttiva, jew mill-għoti tat-termini u l-kondizzjonijiet kuntrattwali u l-informazzjoni prekuntrattwali f'konformità mal-atti tal-Unjoni li jirregolaw dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi, jekk l-informazzjoni tiġi pprovduta aktar tard mill-jum tal-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod. Meta att tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi ma jkunx fih dispożizzjonijiet rigward informazzjoni dwar id-dritt ta' rtirar, sabiex jibda l-perjodu għall-irtirar, jenħtieġ li l-kummerċjant, minbarra t-termini u l-kondizzjonijiet kuntrattwali u l-informazzjoni prekuntrattwali f'konformità mal-att tal-Unjoni li jirregola dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi, jipprovdi wkoll l-informazzjoni dwar id-dritt ta' rtirar stabbilit f'din id-Direttiva.

- (14) Kuntratti ta' servizzi finanzjarji negozjati mill-bogħod jinvolve l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod li jintużaw bħala parti minn skema ta' bejgħ jew ta' provvista ta' servizzi mill-bogħod li ma tinvolve il-preżenza simultanja tal-kummerċjant u tal-konsumatur. Sabiex jiġi indirizzat l-iżvilupp kostanti ta' dawk il-mezzi ta' komunikazzjoni, jenħteġ li jiġu definiti prinċipji li huma validi anke għal dawk il-mezzi li għadhom ma humiex fużi mifruż jew li għadhom ma humiex magħrufa.
- (15) Kuntratt singolu ta' servizzi finanzjarji li jinvolve operazzjonijiet suċċessivi jew operazzjonijiet separati tal-istess natura mwettqa tul iż-żmien jista' jkun suġġett għal trattament legali differenti fi Stati Membri differenti, iżda huwa importanti li r-regoli jiġu applikati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Għal dak il-għan, huwa xieraq li jiġi previst li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod jenħteġ li japplikaw għall-ewwel waħda minn serje ta' operazzjonijiet suċċessivi jew ta' operazzjonijiet separati tal-istess natura mwettqa matul iż-żmien li jistgħu jitqiesu li jiffurmaw ħaġa waħda, irrISPettivament minn jekk dik l-operazzjoni jew serje ta' operazzjonijiet hijiex is-suġġett ta' kuntratt wieħed jew diversi kuntratti suċċessivi. **Meta ma jkun hemm l-ebda ftehim inizjali, jenħteġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod għall-operazzjonijiet suċċessivi jew separati kollha, ħlief għall-informazzjoni prekuntrattwali, li jenħteġ li tapplika biss għall-ewwel operazzjoni.** Pereżempju, "ftehim inizjali ta' servizz" jista' jitqies li jkun il-ftuħ ta' kont bankarju, u "operazzjonijiet" jistgħu jitqiesu li jkunu d-depożitu jew il-għid ta' fondi lejn jew mill-kont bankarju. Iż-żieda ta' elementi ġodda għal ftehim inizjali ta' servizz, **bħall-possibbiltà li jintuża strument ta' pagament elettroniku flimkien mal-kont bankarju eżistenti,** ma tikkostitwixxi "operazzjoni" iżda kuntratt addizzjonali. **Atti oħra tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi jistgħu jipprevedu regoli differenti għal ftehimiet u operazzjonijiet inizjali.**
- (16) Sabiex jiġi delimitat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ir-regoli dwar is-servizzi finanzjarji għall-konsumatur konklużi mill-bogħod jenħteġ li ma japplikawx għal servizzi pprovduti fuq bażi strettament okkażjonali u barra minn struttura kummerċjali ddedikata għall-konklużjoni ta' kuntratti mill-bogħod.

- (17) L-użu ta' mezz ta' komunikazzjonijiet mill-bogħod jenħtieġ li ma jwassalx għal restrizzjoni mhux ġustifikata fuq l-informazzjoni provduta lill-konsumatur. Fl-interess tat-trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti fir-rigward ta' f'liema waqt l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod u kif dik l-informazzjoni jenħtieġ li tasal għand il-konsumatur. Sabiex ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'għarfien sħiħ tal-fatti, jenħtieġ li l-konsumaturi jirċievu l-informazzjoni [...] **fi żmien xieraq** qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod. [...]
- (18) Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' informazzjoni jiġu modernizzati [...] **u jkunu validi għall-futur. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kummerċjant jikkomunika lill-konsumatur in-numru tat-telefon tiegħu, iżda wkoll l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu jew mezz oħra ta' komunikazzjoni li jistgħu jinkludu diversi metodi ta' komunikazzjoni, kif ukoll l-informazzjoni dwar fejn għandhom jiġu indirizzati l-ilmenti. Ir-rekwiżiti dwar il-politika tat-trattament tal-ilmenti jistgħu jiġu ddeterminati mill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-ispejjeż addizzjonali speċifiċi għall-użu tal-mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li fil-każ ta' komunikazzjoni bit-telefon jinkludu spejjeż ikkalkulati b'rata differenti mir-rata bażika.** Il-konsumaturi jenħtieġ ukoll li jiġu infurmati b'mod ċar meta l-prezz ippreżentat lilhom ikun personalizzat abbażi pproċessar awtomatizzat.

(18a) Skont id-Direttiva 2002/65/KE, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar strinġenti dwar rekwiżiti ta' informazzjoni minn qabel meta d-dispożizzjonijiet jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni. Diversi Stati Membri żammew jew introduċew rekwiżiti ta' informazzjoni aktar stretti f'dak il-kuntest. Din il-possibbiltà li jiġi offrut livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tar-regoli dwar l-informazzjoni prekuntrattwali jenħtieġ li tibqa'. Dan għandu japplika kemm għall-katalogu ta' informazzjoni kif ukoll għall-modi kif tiġi ppreżentata l-informazzjoni. L-applikazzjoni ta' regoli aktar stretti tista' tinkludi wkoll l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti tal-Unjoni li jikkonċernaw servizzi finanzjarji speċifiċi għal servizzi finanzjarji mhux koperti minn dawn l-atti settorjali tal-Unjoni.

(19) [...]

(20) [...]

(20a) Jenħtieġ li l-kummerċjant jipprovdi l-informazzjoni prekuntrattwali kollha fi żmien xieraq qabel ma l-konsumatur jintrabat bil-kuntratt mill-bogħod jew kwalunkwe offerta korrispondenti, sabiex il-konsumatur ikollu biżżejjed żmien biex jieħu deċiżjoni infurmata. Jenħtieġ li l-informazzjoni tingħata permezz ta' mezz durabbli u b'mod li l-informazzjoni tkun faċli għall-konsumatur biex jifhem u tkun f'format li jinqara. Format li jinqara jfisser miktub b'tipa li tingara b'daqs li jinqara u b'kuluri li ma jnaqqasux il-komprensibbiltà tal-informazzjoni, inkluż meta d-dokument jiġi ppreżentat, stampat jew fotokopjat bl-iswed u l-abjad. Jekk l-informazzjoni ma tkunx tista' tingħata permezz ta' mezz durabbli qabel il-konklużjoni tal-kuntratt minħabba l-mezz magħżul mill-konsumatur, jenħtieġ li din tiġi pprovduta immedjatament wara l-konklużjoni.

(21) Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġu adattati sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni r-restrizzjonijiet tekniċi ta' ċerti mezzi tax-xandir, bħar-restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' karattri fuq ċerti skrins tat-telefonija mobbli. Fil-każ ta' skrins tat-telefonija mobbli, fejn il-kummerċjant ikun ippersonalizza l-kontenut u l-preżentazzjoni tal-interfaċċa online għal tali apparati, l-informazzjoni li ġejja trid tiġi pprovduta bl-aktar mod prominenti u bil-quddiem: informazzjoni dwar l-identità tal-kummerċjant, il-karatteristiċi ewlenin tas-servizz finanzjarju għall-konsumatur, il-prezz totali li jenħtieġ li jitħallas mill-konsumatur lill-kummerċjant għas-servizz finanzjarju għall-konsumatur inklużi t-taxxi kollha mħallsa permezz tal-kummerċjant jew, meta ma jkunx jista' jiġi indikat prezz eżatt, il-bażi għall-kalkolu tal-prezz li jippermetti lill-konsumatur jivverifikah, u l-eżistenza jew in-nuqqas tad-dritt ta' rtirar, inkluż il-kondizzjonijiet, il-limitu ta' żmien u l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt. Il-bqija tal-informazzjoni tista' tiġi ppreżentata f'**layers**' [...]. Madankollu, l-informazzjoni kollha jenħtieġ li tiġi pprovduta fuq mezz durabbli qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod.

- (22) Meta tiġi pprovduta informazzjoni prekuntrattwali permezz ta' mezzi elettroniċi, tali informazzjoni jenħtieġ li tiġi ppreżentata b'mod ċar u li jinftiehem. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni tista' tiġi enfasizzata, inkwadrata u kuntestwalizzata b'mod effettiv fi ħdan l-iskrin tal-wiri. It-teknika tal-layering, **fejn ċerti rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali huma meqjusa bħala elementi ewlenin u b'hekk jitqiegħdu b'mod prominenti fl-ewwel layer u partijiet dettaljati oħra tal-informazzjoni prekuntrattwali jiġu ppreżentati f'layers ta' akkumpanjament**, ġiet ittestjata u nstab li hija utli għal ċerti servizzi finanzjarji [...]. **Meta jagħmel użu mit-teknika ta' layering skont din id-Direttiva, il-kummerċjant jenħtieġ li mill-inqas jipprovdi fl-ewwel layer tal-mezzi elettroniċi, l-identità u n-negozju ewleni tal-kummerċjant, il-karatteristiċi ewlenin tas-servizz finanzjarju, il-prezz totali li għandu jitħallas mill-konsumatur, notifika tal-possibbiltà li jistgħu jeżistu taxxi jew spejjeż oħra u l-eżistenza jew in-nuqqas ta' dritt ta' rtirar. Ir-rekwiżiti l-oħra ta' informazzjoni prekuntrattwali li jifdal jistgħu jintwerew f'layers oħra. Meta jintuża l-layering, jenħtieġ li l-informazzjoni kollha tkun faċilment aċċessibbli għall-konsumatur u l-użu tal-layers ta' akkumpanjament ma jfixkilx l-attenzjoni tal-klijent mill-kontenut tad-dokument u jenħtieġ li ma jgħattix l-informazzjoni ewlenija. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-partijiet kollha tal-informazzjoni prekuntrattwali jiġu stampati f'dokument wieħed.**
- (22a) Mod **ieħor** possibbli kif tiġi pprovduta informazzjoni prekuntrattwali [...] permezz ta' **mezzi elettroniċi huwa** l-approċċ ta' "werejja" bl-użu ta' intestaturi li jistgħu jespandu. Fl-ogħla livell, il-konsumaturi jistgħu jsibu s-suġġetti ewlenin, li kull wieħed minnhom jista' jiġi espandut bi klikk fuqhom, sabiex il-konsumaturi jiġu diretti lejn preżentazzjoni aktar dettaljata tal-informazzjoni rilevanti. B'dan il-mod, il-konsumatur ikollu l-informazzjoni kollha meħtieġa f'post wieħed, filwaqt li jżomm kontroll fuq dak li għandu jiġi rieżaminat u meta. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jniżżlu d-dokument ta' informazzjoni prekuntrattwali kollu u li jissejvjawh bħala dokument awtonomu.

- (23) Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom dritt ta' rtirar mingħajr penali u mingħajr ebda obbligu li jipprovdu ġustifikazzjoni. Jenħtieġ li d-dritt ta' rtirar ma japplikax għal servizzi finanzjarji li l-prezz tagħhom jiddependi fuq iċ-ċaqliq fis-suq finanzjarju li mhuwiex fil-kontroll tal-kummerċjant. Ċerti prodotti oħra, bħal xi prodotti tal-pensjoni jew prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, jistgħu jkunu marbuta ma' strumenti tas-suq finanzjarju u, bħala tali, ikunu dipendenti fuq iċ-ċaqliq fis-suq finanzjarju. Meta l-konsumatur ikollu d-dritt li jirtira minn dawn il-kuntratti, it-telf possibbli fil-valur tal-istrumenti tas-suq finanzjarju jenħtieġ li jitgħies fl-ammont pagabbli lill-konsumatur. Meta d-dritt ta' rtirar ma japplikax minħabba li l-konsumatur ikun talab espressament it-tweġġ ta' kuntratt mill-bogħod qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' rtirar, il-kummerċjant jenħtieġ li jinforma lill-konsumatur b'dan il-fatt qabel il-bidu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt.
- (23a) Il-perjodu ta' rtirar jenħtieġ li jiskadi 14-il jum kalendarju wara li jiġu pprovduti kemm informazzjoni prekuntrattwali kif ukoll termini u kondizzjonijiet kuntrattwali. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jekk il-konsumatur ma jkunx irċieva dik l-informazzjoni prekuntrattwali u t-termini u l-kondizzjonijiet kuntrattwali, il-perjodu ta' rtirar jenħtieġ li jiskadi mhux aktar tard minn 12-il xahar u 14-il jum kalendarju wara l-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod. Jenħtieġ li l-perjodu ta' rtirar ma jiskadix jekk il-konsumatur ma jkunx ġie infurmat dwar id-dritt ta' rtirar fuq mezz durabbli.
- (24) Sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' rtirar, il-proċedura għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt jenħtieġ li ma tkunx ta' piż akbar mill-proċedura għall-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod.

- (25) [...] Minbarra mezzi oħra ta' rtirar eżistenti, bħall-formola stipulata fl-Anness 1(B) ta' din id-Direttiva, meta l-kummerċjant joffri l-possibbiltà li jikkonkludi kuntratti mill-bogħod permezz ta' interfaċċa online, bħal permezz ta' sit web jew applikazzjoni, jenħtieġ li jkun obligat li jippermetti lill-konsumatur jirtira minn tali kuntratt permezz ta' buttuna jew funzjoni simili fuq dik l-istess interfaċċa. Jenħtieġ li dan jiżgura li l-konsumaturi jkunu jistgħu jirtiraw minn kuntratt bl-istess faċilità dqs kemm jistgħu jikkonkluduh. Għal dan il-għan, il-kummerċjant għandu jipprovdi buttuna jew funzjoni simili fuq l-interfaċċa online li fuqha jiġi konkluż il-kuntratt li tindika l-possibbiltà ta' rtirar. Jenħtieġ li l-konsumatur jitħalla jagħmel id-dikjarazzjoni ta' rtirar u jipprovdi jew jikkonferma l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi identifikat il-kuntratt. Pereżempju, konsumatur li jkun diġà identifika ruħu, pereżempju billi jilloggia, jista' jkun kapaċi jikkonferma minn liema servizz jixtieq jirtira mingħajr il-ħtieġa li jipprovdi ismu u l-identifikazzjoni tal-kuntratt. Sabiex jiġi evitat li l-konsumatur ma jirtirax mill-kuntratt bi żball, id-dikjarazzjoni tal-irtirar għandha tiġi ppreżentata billi tintuża buttuna ta' konferma. Jekk il-konsumatur ikun ordna diversi oġġetti jew servizzi fl-istess kuntratt mill-bogħod, il-kummerċjant jista' jipprovdi lill-konsumatur il-possibbiltà li jirtira minn parti mill-kuntratt.

Sabiex [...] jiġi żgurat l-użu effettiv tal-buttuna ta' rtirar, il-kummerċjant jenħtieġ li jiżgura li din tkun disponibbli matul il-perjodu ta' rtirar, li tkun viżibbli u faċilment aċċessibbli u, meta l-konsumatur juża l-buttuna, il-kummerċjant jenħtieġ li jiddokumenta b'mod adegwat l-użu tagħha. Jenħtieġ li l-buttuna tal-irtirar, jew funzjoni simili, iżżid l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-dritt tagħhom ta' rtirar u tissimplifika l-possibbiltà li jibbenefikaw minn dak id-dritt. Dan huwa importanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ mill-bogħod b'mod ġenerali. F'dawn il-każijiet, kemm fir-rigward ta' prodotti jew servizzi finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji, il-konsumatur ma għandux il-possibbiltà li jirċievi spjegazzjonijiet personalment, li jittestja u jispezzjona fejn xieraq l-oġġett jew is-servizz sa fejn ikun meħtieġ biex jiġu stabbiliti n-natura, il-karatteristiċi u l-funzjonament tal-oġġett jew tas-servizz, jew li b'xi mod ieħor isir jaf personalment dwar in-natura possibbilment kumplessa jew estensiva ta' prodott jew servizz. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan l-obbligu jiġi stipulat mhux biss għal kuntratti mill-bogħod għal servizzi finanzjarji, iżda wkoll għal kuntratti mill-bogħod għal oġġetti u servizzi oħra fejn id-dritt tal-Unjoni jipprevedi dritt ta' rtirar biex jissaħħu l-possibiltajiet għall-konsumaturi li joħorġu minn kuntratti permezz ta' rtirar.

(26) Minbarra l-informazzjoni prekuntrattwali pprovduta lilhom mill-kummerċjant, il-konsumaturi **xorta** jistgħu jeħtieġu assistenza biex jiddeċiedu liema servizz finanzjarju huwa l-aktar xieraq għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu jew tagħha. **L-għan tal-għoti ta' spjegazzjoni adegwata huwa li jiġi żgurat li l-konsumatur jifhem is-servizz finanzjarju offrut mill-kummerċjant qabel ma jiffirma l-kuntratt. Is-sempliċi riproduzzjoni tal-informazzjoni prekuntrattwali tista' ma tkunx biżżejjed u jenħtieġ għalhekk li tiġi evitata.** Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz finanzjarju mill-bogħod, il-kummerċjanti jipprovdu din l-assistenza fir-rigward tas-servizzi finanzjarji li joffru lill-konsumatur, billi jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati [...] **li jikkonċernaw** il-karatteristiċi essenzjali tal- [...] **kuntratt** propost, **inkluż is-servizzi anċillari possibbli, u l-effetti speċifiċi li l-kuntratt propost iista' jkollu fuq il-konsumatur.** Fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratt propost, **il-kummerċjant jenħtieġ li jispjega l-karatteristiċi ewlenin tal-offerta, bħall-prezz totali li għandu jitħallas mill-konsumatur lill-kummerċjant u d-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tas-servizz finanzjarju, u l-impatt tiegħu fuq il-konsumatur, inkluż, fejn applikabbli, jekk is-servizzi anċillari jistgħux jiġu tterminati separatament u l-konsegwenzi ta'din it-terminazzjoni.** Fir-rigward tal-effetti speċifiċi tal-kuntratt propost, **jenħtieġ li l-kummerċjant jispjega wkoll il-konsegwenzi ewlenin tan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi kuntrattwali.**

(26a) **Il-kuntratti skont din id-Direttiva jistgħu jkunu ta' natura finanzjarja differenti u għalhekk jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jadattaw il-mod li bih jingħataw dawn l-ispegazzjonijiet għaċ-ċirkostanzi li fihom jiġi offrut is-servizz finanzjarju u għall-bżonn tal-konsumatur għal assistenza, filwaqt li jitqiesu l-għarfien u l-esperjenza tal-konsumatur dwar is-servizz finanzjarju u n-natura tiegħu.**

(26b) L-obbligu li jiġu pprovduti spjegazzjonijiet adegwati huwa partikolarment importanti meta l-konsumaturi jkollhom l-intenzjoni li jikkonkludu kuntratt ta' servizz finanzjarju mill-bogħod u l-kummerċjant jipprovdi spjegazzjonijiet permezz ta' għodod online **bħal chatbots, roboadvice, għodod interattivi jew mezzi simili**. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur jifhem l-effetti li l-kuntratt jista' jkollu fuq is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu jew tagħha, il-konsumatur jenħtieġ li dejjem ikun jista' jikseb intervent uman f'isem il-kummerċjant, **bla ħlas, matul il-ħinijiet tax-xogħol tal-kummerċjant**.

(27) [...]

(28) Għaldaqstant, id-Direttiva 2011/83/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(29) Għaldaqstant, id-Direttiva 2002/65/KE jenħtieġ li titħassar.

- (30) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri, li tikkontribwixxi għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern permezz tal-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, ma jistax jinkiseb b'mod xieraq mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.
- (31) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹⁶, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹⁶ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Id-Direttiva 2011/83/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (1b) li ġej:

"(1b) L-Artikoli 1 u 2, l-Artikolu 3(2), (5) u (6), l-Artikolu 4, l-Artikolu **l-Artikolu 6(7), l-Artikolu 6a, l-Artikolu 8(6), l-Artikolu 11a,** l-Artikoli 16a sa [...] **16d,** l-Artikolu 19, l-Artikoli 21 sa 23, l-Artikolu 24(1), [...] l-Artikoli 25 [...] **sa** [...] **27 u l-Artikolu 29 biss** għandhom japplikaw għal kuntratti mill-bogħod konklużi bejn kummerċjant u konsumatur għall-forniment ta' servizzi finanzjarji.

Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 21, [...] **meta** l-kuntratti msemmija fl-ewwel subparagrafu jinkludu ftehim ta' servizz inizjali segwit minn operazzjonijiet suċċessivi jew serje ta' operazzjonijiet separati tal-istess natura mwettqa matul iż-żmien, id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw biss għall-ftehim inizjali.

Meta ma jkun hemm ebda ftehim inizjali ta' servizz imma l-operazzjonijiet suċċessivi jew l-operazzjonijiet separati tal-istess natura mwettqa tul iż-żmien jitwettqu bejn l-istess partijiet kontraenti, l-Artikoli 16a u 16d għandhom japplikaw biss għall-ewwel operazzjoni. Meta, madankollu, ebda operazzjoni tal-istess natura ma titwettaq għal iktar minn sena, l-operazzjoni li jmiss titqies li tkun l-ewwel f'serje ġdida ta' operazzjonijiet u, għalhekk, għandhom japplikaw l-Artikoli 16a u 16d."

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għas-servizzi finanzjarji; **għajr il-kuntratti mill-bogħod** [...] koperti mill-Artikolu 3(1b)."

(1a) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) fejn jeżisti dritt ta' rtirar, il-kondizzjonijiet, il-limitu ta' żmien u l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt f'konformità mal-Artikolu 11(1), kif ukoll il-mudell tal-formola standard tal-irtirar stabbilita fl-Anness I(B), u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar l-eżistenza u t-tqegħid tal-buttuna ta' rtirar jew funzjoni simili msemmija fl-Artikolu 11a;"

(1b) Jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a

Eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar minn kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online

1. Għal kuntratti mill-bogħod konklużi permezz ta' interfaċċa online, il-kummerċjant għandu jiżgura li l-konsumatur jista' jirtira mill-kuntratt fuq dik l-istess interfaċċa online billi juża buttuna jew funzjoni simili.

Il-buttuna jew funzjoni simili għandha tkun ittikkettjata b'mod leġibbli u għandu jkun fiha l-kliem "irtira mill-kuntratt hawnhekk" jew formulazzjoni korrispondenti mhux ambigwa. Il-buttuna ta' rtirar jew funzjoni simili għandha titqiegħed fuq l-interfaċċa online b'mod prominenti u tkun faċilment aċċessibbli għall-konsumatur.

2. L-użu tal-buttuna jew funzjoni simili għandu jippermetti lill-konsumatur jaġħmel id-dikjarazzjoni ta' rtirar billi tingħata jew tiġi kkonfermata l-informazzjoni li ġejja:

- (a) isem il-konsumatur;
- (b) identifikazzjoni tal-kuntratt;
- (c) dettalji tal-mezzi elettroniċi li bihom il-konferma ta' rtirar għandha tintbagħat lill-konsumatur.

3. Id-dikjarazzjoni ta' rtirar għandha tiġi sottomessa billi tintuża buttuna ta' konferma jew funzjoni simili.

Il-buttuna ta' konferma jew funzjoni simili għandha tiġi ttikkettjata b'mod leġibbli bil-kliem "irtira issa" jew formulazzjoni korrispondenti mhux ambigwa.

4. Ladarba l-konsumatur juża l-buttuna ta' konferma jew funzjoni simili, il-konsumatur għandu mbagħad jirċievi awtomatikament konferma li d-dikjarazzjoni ta' rtirar ġiet sottomessa, inkluż id-data u l-ħin tas-sottomissjoni.

5. Il-kummerċjant għandu jikkonferma lill-konsumatur mingħajr dewmien żejjed il-kontenut tad-dikjarazzjoni ta'rtirar, inkluż id-data u l-ħin tal-wasla tagħha, fuq mezz durabbli."

(2) Jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

"KAPITOLU IIIa

REGOLI DWAR KUNTRATTI MILL-BOGĦOD GĦAL SERVIZZI FINANZJARJI

[...]

Artikolu 16a

Rekwiżiti ta' informazzjoni għal kuntratti mill-bogħod għal [...] servizzi finanzjarji

1. Qabel ma l-konsumatur jintrabat b'kuntratt mill-bogħod, jew bi kwalunkwe offerta korrispondenti, il-kummerċjant għandu jipprovdi lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja b'mod ċar u li jinftiehem fi kwalunkwe mod xieraq għall-mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod użat:
- (a) l-identità u n-negozju ewlieni tal-kummerċjant u, fejn applikabbli, dawk tal-kummerċjant li f'ismu jkun qed jaġixxi;

- (b) l-indirizz ġeografiku fejn il-kummerċjant huwa stabbilit kif ukoll in-**numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tal-kummerċjant jew dettalji ta' mezz ta' komunikazzjoni oħra pprovduti mill-kummerċjant[...], u fejn applikabbli, dak tal-kummerċjant li f'ismu jkun qed jaġixxi**; dawk il-mezz kollha ta' komunikazzjoni pprovduti mill-kummerċjant għandhom jippermettu lill-konsumatur jidħol f'kontatt malajr mal-kummerċjant u jikkomunika b'mod effikaċi miegħu **u jiggarrantixxu li l-konsumatur jista' jżomm kwalunkwe korrispondenza bil-miktub mal-kummerċjant fuq mezz durabbli**; [...]
- (c) [...] **informazzjoni dwar** fejn il-konsumatur jista' jindirizza kwalunkwe ilment **lill-kummerċjant, u fejn applikabbli, lill-kummerċjant li f'ismu jkun qed jaġixxi**;
- (d) meta l-kummerċjant huwa rreġistrat f'negozju jew reġistru pubbliku simili, ir-reġistru [...] li fih huwa mniżżel il-kummerċjant u n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu jew mezz ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-reġistru;
- (e) meta l-attività tal-kummerċjant tkun soġġetta għal skema ta' awtorizzazzjoni, [...] **l-isem, l-indirizz, is-sit web u kwalunkwe informazzjoni ta' kuntatt oħra** tal-awtorità superviżorja rilevanti;
- (f) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tas-servizz finanzjarju;

- (g) il-prezz totali li jrid jitħallas mill-konsumatur lill-fornitur għas-servizz finanzjarju, inklużi t-tariffi, l-imposti u l-ispejjeż kollha relatati, u t-taxxi kollha mħallsa permezz tal-fornitur jew, meta ma jistax jiġi indikat prezz eżatt, il-bażi għall-kalkolu tal-prezz li jippermetti lill-konsumatur jivverifikah;
- (h) meta applikabbli, li l-prezz kien personalizzat abbażi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati;
- (i) fejn [...] **applikabbli**, notifika li tindika li s-servizz finanzjarju huwa relatat ma' strumenti li jinvolve riskji speċjali relatati mal-fatturi speċifiċi tagħhom jew l-operazzjonijiet li jridu jiġu eżegwiti jew li l-prezz tagħhom jiddependi fuq iċ-ċaqliq fis-swieq finanzjarji li mhuwiex fil-kontroll tal-kummerċjant u li l-prestazzjonijiet storiċi ma [...] **humix** indikaturi ta' prestazzjonijiet futuri;
- (j) notifika tal-possibbiltà li jistgħu jeżistu taxxi [...] jew spejjeż oħra li mhuwiex imħallsa permezz tal-kummerċjant jew imposti minnu;
- (k) kull limitazzjoni tal-perjodu li għalih hija valida l-informazzjoni pprovduta **f'konformità ma' dan il-paragrafu**;
- (l) l-arranġamenti għal ħlas u għal twettiq;
- (m) kull kost speċifiku addizzjonali, **minbarra r-rata bażika**, għall-konsumatur sabiex juża l-mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, **għall-konklużjoni tal-kuntratt**, jekk dawn il-kostijiet addizzjonali [...] **jiġu** ddebitati;
- (n) [...]
- (o) [...]

- (p) l-eżistenza jew l-assenza ta' dritt ta' rtirar u fejn jeżisti dritt ta' rtirar, it-tul ta' żmien tiegħu u l-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju tiegħu inkluż informazzjoni dwar l-ammont li l-konsumatur jista' jintalab iħallas **f'konformità mal-Artikolu 16c(1) u l-proċeduri għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar, fost l-oħrajn, l-indirizz jew id-dettalji tal-mezzi ta' komunikazzjoni rilevanti biex tintbagħat id-dikjarazzjoni ta' rtirar u għal kuntratti finanzjari konklużi permezz ta' interfaċċa online, l-informazzjoni dwar l-eżistenza u t-tqegħid tal-buttuna ta' rtirar jew funzjoni simili, imsemmija fl-Artikolu 11a** [...];
- (q) **fejn applikabbli**, it-tul ta' żmien minimu tal-kuntratt mill-bogħod fil-każ ta' servizzi finanzjarji li jkunu ser jitwettqu b'mod permanenti jew rikorrenti;
- (r) informazzjoni dwar kull dritt li l-partijiet jista' jkollhom biex jitterminaw il-kuntratt kmieni jew unilateralment permezz tat-termini tal-kuntratt mill-bogħod, inklużi xi penalitajiet imposti mill-kuntratt f'dawn il-każijiet;
- (s) [...]
- (t) kull klawżola kuntrattwali dwar il-liġi applikabbli għall-kuntratt mill-bogħod [...];
- (u) b'liema lingwa, jew lingwi, it-termini u l-kondizzjonijiet kuntrattwali, u l-informazzjoni ta' qabel imsemmija f'dan l-Artikolu huma forniti, u barra minn hekk b'liema lingwa, jew lingwi, il-kummerċjant, bi qbil mal-konsumatur, jimpenja ruħu li jikkomunika tul id-durata [...] **tal**-kuntratt mill-bogħod;

(v) fejn applikabbli, il-possibbiltà ta' rikors għal proċedura extraġudizzjarja ta' lment jew ta' rimedju li huwa suġġett għaliha l-kummerċjant kif ukoll il-metodi għall-aċċess għaliha[...];

(x) l-eżistenza ta' fondi ta' garanzija jew arranġamenti oħra ta' kumpens, mhux koperti bid-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-iskemi ta' garanzija ta' depożitu u d-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens ta' investitur.

2. Fil-każ ta' komunikazzjonijiet bit-telefon, l-identità tal-kummerċjant u l-iskop kummerċjali tat-telefonata mibdija mill-kummerċjant għandhom ikunu ċari b'mod espliċitu fil-bidu ta' kwalunkwe konverżazzjoni mal-konsumatur. **Il-kummerċjant għandu jinnotifika wkoll lill-konsumatur meta s-sejħa tkun jew tista' tiġi rreġistrata.**

[...]

B'deroga mill-paragrafu 1, jekk il-konsumatur jaqbel b'mod espliċitu, il-kummerċjant jista' jipprovdi biss l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (f), (g), (i) u (p) ta' dak il-paragrafu. F'dak il-każ[...] il-kummerċjant għandu jinforma lill-konsumatur dwar in-natura u d-disponibbiltà tal-informazzjoni l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 [...].

3. Il-kummerċjant għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 [...] **fi żmien xieraq** qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe kuntratt mill-bogħod **jew bi kwalunkwe offerta korrispondenti.**

[...]

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha [...] **tingħata** lill-konsumatur fuq mezz durabbli u [...] **għandha** tinqara faċilment [...].

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata fuq talba f'format xieraq għall-konsumaturi b'diżabilità, inkluż persuni b'insuffiċjenza fil-vista.

- 4a.** Ħlief għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (f), (g), **(i)**, u (p), il-kummerċjant għandu jitħalla jippreżenta l-informazzjoni f'layers meta l-informazzjoni tingħata b'mezzi elettroniċi.

F'każ [...] **ta' layering tal-**informazzjoni, għandu jkun possibbli li wieħed **jara, jissejvja u** jistampa l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 bħala dokument wieħed. **Il-kummerċjant għandu jiżgura li l-konsumatur jiġi ppreżentat bl-informazzjoni prekuntrattwali kollha msemmija fil-paragrafu 1 fl-intier tagħha qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod.**

[...]

[...]

4b. B'deroga mill-paragrafi (3) u (4a), jekk il-kuntratt ikun ġie konkluż fuq talba tal-konsumatur bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li tiġi pprovduta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'konformità mal-paragrafu 4 fi żmien xieraq qabel ma l-konsumatur jintrabat bil-kuntratt mill-bogħod jew kwalunkwe offerta korrispondenti, il-kummerċjant għandu jipprovdi dik l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4 immedjatament wara l-konklużjoni tal-kuntratt.

5. Fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-oneru tal-prova għandu jkun fuq il-kummerċjant.

5a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet aktar stretti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni minbarra dawk imsemmija f'dan l-Artikolu.

6. Meta att ieħor tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi jkun fih regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, **ir-regoli** [...] ta' dak l-att tal-Unjoni biss għandhom japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi, **irrispettivament mil-livell ta' dettall ta' dawn ir-regoli**, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dak l-att.

Meta att ieħor tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi ma jkunx fih regoli dwar informazzjoni dwar id-dritt ta' rtirar, il-kummerċjant għandu jinforma lill-konsumatur dwar l-eżistenza jew in-nuqqas ta' tali dritt f'konformità mal-Artikolu 16a(1), il-punt (p).

Dritt ta' rtirar minn kuntratti mill-bogħod għal servizzi finanzjarji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur ikollu perjodu ta' 14-il jum kalendarju sabiex jirtira mill-kuntratt mingħajr penali u mingħajr ma jagħti raġuni. **Dan il-perjodu għandu jiġi estiż għal 30 jum kalendarju f'kuntratti mill-bogħod relatati ma' operazzjonijiet ta' pensjoni personali.**

Il-perjodu għal irtirar imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jibda minn wieħed mill-jiem li ġejjin:

- (a) il-jum tal-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod,
- (b) il-jum li fih il-konsumatur jirċievi t-termini u l-kondizzjonijiet kuntrattwali u l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16a, jekk dan ikun aktar tard mid-data fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Jekk il-konsumatur ma jkunx irċieva t-termini u l-kondizzjonijiet kuntrattwali u l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16a, il-perjodu ta' rtirar għandu jiskadi 12-il xahar u 14-il jum kalendarju wara l-konklużjoni tal-kuntratt. Dan ma għandux japplika jekk il-konsumatur ma jkunx ġie infurmat dwar id-dritt tiegħu ta' rtirar f'konformità mal-Artikolu 16a(1), il-punt (p).

2. Id-dritt ta' rtirar ma għandux japplika għal dawn li ġejjin:

- (a) [...] servizzi finanzjarji li l-prezz tagħhom jiddependi fuq ċaqliq fis-suq finanzjarju lil hinn mill-kontroll tal-kummerċjanti, li jista' jseħħ matul il-perjodu ta' rtirar, bħal servizzi relatati ma':
- munita barranija; [...]
 - **strumenti tas-suq monetariju;**
 - titoli trasferibbli;
 - unitajiet f'intrapriżi ta' investiment kollettiv;
 - kuntratti ta' futuri finanzjarji, inklużi strumenti ekwivalenti saldati bi flus;
 - ftehimiet tar-rata tal-imgħax forward (FRAs);
 - swaps tar-rata tal-imgħax, tal-munita u tal-ekwità;
 - opzjonijiet għall-akwiżizzjoni jew id-disponiment ta' kwalunkwe strument msemmi f'dan il-punt inklużi strumenti ekwivalenti saldati bi flus. Din il-kategorija tinkludi b'mod partikolari opzjonijiet tal-munita u tar-rati tal-imgħax;
 - kryptoassi [...];
- (b) poloz tal-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar u tal-bagalji jew poloz tal-assigurazzjoni simili għal żmien qasir ta' inqas minn xahar;
- (c) kuntratti li t-twettiq tagħhom ġie kompletat bis-sħiħ miż-żewġ partijiet fuq it-talba espressa tal-konsumatur qabel ma l-konsumatur jeżerċita d-dritt tiegħu ta' rtirar.

3. Il-konsumatur għandu jkun eżerċita d-dritt tiegħu ta' rtirar fil-perjodu ta' rtirar imsemmi fil-paragrafu 1 jekk il-komunikazzjoni dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar tintbagħat jew il-buttuna ta' rtirar imsemmija **jew funzjoni simili** msemmija [...] **fl-Artikolu 11a** [...] **tintuża** mill-konsumatur qabel ma jkun skada dak il-perjodu.
4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola tad-dritt nazzjonali li tistabbilixxi perjodu ta' żmien li matulu ma jistax jibda t-twettiq tal-kuntratt.
5. [...]

[...]

[...]

5a. Meta servizz anċillari relatat mal-kuntratt mill-bogħod għal servizz finanzjarju jiġi pprovdut mill-kummerċjant jew mill-parti terza abbażi ta' ftehim bejn dik il-parti terza u l-kummerċjant, dan il-kuntratt anċillari għandu jiġi tterminat, mingħajr ebda penali għall-konsumatur, jekk il-konsumatur jeżerċita d-dritt tiegħu ta' rtirar f'konformità ma' dan l-Artikolu.

6. Meta att ieħor tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi jkun fih regoli dwar [...] id-dritt ta' rtirar, ir-regoli dwar id-dritt ta' rtirar ta' dak l-att tal-Unjoni biss għandhom japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dak l-att. **Fejn teżisti l-possibbiltà għall-Istati Membri li jagħżlu bejn id-dritt ta' rtirar u alternattiva, bħal perjodu ta' riflessjoni, ir-regoli korrispondenti ta' dak l-att tal-Unjoni biss għandhom japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dak l-att.**

6a. B'deroga minn dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li minflok japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin għas-servizzi finanzjarji li ġejjin fir-rigward tad-dritt ta' rtirar jew perjodu ta' riflessjoni:

- a) **L-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ għal ftehimiet ta' kreditu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u**
- b) **L-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ għal ftehimiet ta' kreditu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

¹⁷ **Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprietà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).**

¹⁸ **Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).**

Ħlas tas-servizz ipprovdut qabel l-irtirar

1. Meta l-konsumatur jeżerċita d-dritt ta' rtirar skont l-Artikolu 16b, il-konsumatur jista' jintalab iħallas biss, mingħajr dewmien żejjed, għas-servizz li fil-fatt ikun ipprovdilu l-kummerċjant skont il-kuntratt mill-bogħod. L-ammont pagabbli ma għandux:
 - (a) jaqbeż ammont li jkun proporzjonat mad-daqs tas-servizz diġà pprovdut meta mqabbel mal-kopertura sħiħa tal-kuntratt mill-bogħod;
 - (b) fi kwalunkwe każ ikun b'mod li jista' jinftiehem bħala penali.

1a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-konsumatur ma jista' jintalab iħallas l-ebda ammont meta jirtira minn kuntratt ta' assigurazzjoni.

2. Il-kummerċjant ma jistax jitlob lill-konsumatur iħallas xi ammont abbażi tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sakemm il-kummerċjant ma jkunx jista' jipprova li l-konsumatur kien infurmat kif xieraq dwar l-ammont pagabbli, f'konformità mal-Artikolu 16a(1), il-punt (p). Madankollu, il-kummerċjant fl-ebda każ ma jista' jitlob tali ħlas jekk il-kummerċjant ikun beda l-eżekuzzjoni tal-kuntratt qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' rtirar previst fl-Artikolu 16b(1) mingħajr it-talba minn qabel tal-konsumatur.
3. Il-fornitur għandu, mingħajr dewmien bla bżonn u sa mhux iktar minn 30 jum tal-kalendarju, jirritorna lill-konsumatur kwalunkwe somma li l-kummerċjant ikun irċieva mingħandu f'konformità mal-kuntratt mill-bogħod, ħlief għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1. Dan il-perjodu għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih il-fornitur jirċievi n-notifika tal-irtirar.
4. Il-konsumatur għandu jirritorna lill-kummerċjant kwalunkwe somma li jkun irċieva mill-kummerċjant mingħajr dewmien bla bżonn u mhux aktar tard minn 30 jum tal-kalendarju. Dan il-perjodu għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih il-konsumatur jirtira mill-kuntratt.

Spjegazzjonijiet adegwati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kummerċjanti jkunu meħtieġa jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati lill-konsumatur dwar il-kuntratti ta' servizzi finanzjarji proposti li jagħmluha possibbli għall-konsumatur li jivvaluta jekk il-kuntratt propost u s-servizzi anċillari humiex adattati għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu jew tagħha. L-ispiegazzjonijiet għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:
 - (a) l-informazzjoni prekuntrattwali meħtieġa;
 - (b) il-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratt propost, inklużi s-servizzi anċillari possibbli;
 - (c) l-effetti speċifiċi li l-kuntratt propost jista' jkollu fuq il-konsumatur [...].
2. [...]
- 2a. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-mod li bih u sa liema punt għandhom jingħataw l-ispiegazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u jistgħu jadattaw dan għaċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni li fiha jiġi offrut is-servizz finanzjarju, il-persuna lil min jiġi offrut u n-natura tas-servizz finanzjarju offrut.**

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każ li l-kummerċjant juża għodod online, il-konsumatur għandu jkollu d-dritt jitlob u jikseb intervent uman **f'kull stadju tal-proċess tan-negozjati u tar-relazzjoni kuntrattwali.**
4. Meta att ieħor tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi jkun fih regoli dwar **l-ispjegazzjonijiet adegwati** [...] li għandhom jiġu pprovduti lill-konsumatur, **ir-regoli dwar l-ispjegazzjonijiet adegwati ta' dak l-att tal-Unjoni biss għandhom japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dak l-att** [...]."

Artikolu 16e

[...]

[...]

(3) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta Stat Membru jagħmel użu minn kwalunkwe waħda mill-għażliet regolatorji msemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 6(7), l-Artikolu 6(8), l-Artikolu 7(4), l-Artikolu 8(6), l-Artikolu 9(1a), l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 16(3), [...] l-Artikolu 16a(5a) u l-Artikolu 16b(6a), huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan sa [data tat-traspożizzjoni], kif ukoll bi kwalunkwe bidla sussegwenti."

(4) Fl-Artikolu 30, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Sa [5 snin mid-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva rigward il-kuntratti mill-bogħod għal servizzi finanzjarji lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jinkludi b'mod partikolari valutazzjoni tal-forniment ta' servizzi finanzjarji permezz ta' interfaċċa online inkluż l-effetti tal-istruttura, id-disinn, il-funzjoni jew il-mod ta' kif jitħaddmu l-interfaċċi online fuq l-abbiltà tal-konsumatur li jieħu d-deċiżjonijiet. Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex din id-Direttiva tiġi adattata għall-iżvilupp fil-qasam tad-drittijiet tal-konsumatur."

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard minn [24 xahar mill-adozzjoni], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [id-data wara 24 xahar **+6 xhur** mill-adozzjoni].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin fil-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Revoka

Id-Direttiva 2002/65/KE hija mħassra b'effett minn [24 xahar **+6 xhur** mill-adozzjoni].

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għad-Direttiva 2011/83/UE, kif emendata b'din id-Direttiva, u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

Tabella ta' korrelazzjoni

Id-Direttiva 2002/65/KE	Id-Direttiva 2011/83/UE, kif emendata b'din id-Direttiva
Artikolu 1(1)	-
Artikolu 1(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 3(1b), it-tieni subparagrafu
Artikolu 1(2), it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 2, il-punt (a)	Artikolu 2, il-punt (7)
Artikolu 2, il-punt (b)	Artikolu 2, il-punt (12)
Artikolu 2, il-punt (c)	Artikolu 2, il-punt (2)
Artikolu 2, il-punt (d)	Artikolu 2, il-punt (1)
Artikolu 2, il-punt (e)	Artikolu 2, il-punt (7)
Artikolu 2, il-punt (f)	Artikolu 2, il-punt (10)
Artikolu 2, il-punt (g)	-
Artikolu 3(1)	Artikolu 16a(1)
Artikolu 3(1), il-punt 1(a), (b) u (c)	Artikolu 16a(1), il-punti (a) u (b)
Artikolu 3(1), il-punt 1(d)	Artikolu 16a(1), il-punt (d)
Artikolu 3(1), il-punt 1(e)	Artikolu 16a(1), il-punt (e)
Artikolu 3(1), il-punt 2(a)	Artikolu 16a(1), il-punt (f)
Artikolu 3(1), il-punt 2(b)	Artikolu 16a(1), il-punt (g)
Artikolu 3(1), il-punt 2(c)	Artikolu 16a(1), il-punt (i)
Artikolu 3(1), il-punt 2(d)	Artikolu 16a(1), il-punt (j)
Artikolu 3(1), il-punt 2(e)	Artikolu 16a(1), il-punt (k)
Artikolu 3(1), il-punt 2(f)	Artikolu 16a(1), il-punt (l)
Artikolu 3(1), il-punt 2(g)	Artikolu 16a(1), il-punt (m)
Artikolu 3(1), il-punt 3(a)	Artikolu 16a(1), il-punt (p)
Artikolu 3(1), il-punt 3(b)	Artikolu 16a(1), il-punt (q)
Artikolu 3(1), il-punt 3(c)	Artikolu 16a(1), il-punt (r)
Artikolu 3(1), il-punt 3(d)	Artikolu 16a(1), il-punt (s)

Id-Direttiva 2002/65/KE	Id-Direttiva 2011/83/UE, kif emendata b'din id-Direttiva
Artikolu 3(1), il-punt 3(e)	-
Artikolu 3(1), il-punt 3(f)	Artikolu 16a(1), il-punt (t)
Artikolu 3(1), il-punt 3(g)	Artikolu 16a(1), il-punt (u)
Artikolu 3(1), il-punt 4(a)	Artikolu 16a(1), il-punt (v)
Artikolu 3(1), il-punt 4(b)	-
Artikolu 3(2)	-
Artikolu 3(3), il-punt (a)	Artikolu 16a(2), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 3(3), il-punt (b) l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames inċiż	Artikolu 16a(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 3(3), punt (b), ir-raba' inċiż	-
Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu	Artikolu 16a(2), it-tielet subparagrafu
Artikolu 3(4)	-
Artikolu 4(1) u (5)	Artikolu 16a(6)
Artikolu 4(2), (3), (4)	-
Artikolu 5(1)	Artikolu 16a(3), l-ewwel subparagrafu u (4), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 5(2)	-
Artikolu 5(3)	-
Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza	Artikolu 16b(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza	-
Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 16b(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)
Artikolu 6(1), it-tieni sentenza, it-tieni inċiż	Artikolu 16b(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (b)
Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu	-
Artikolu 6(2), il-punt (a)	Artikolu 16b(2), il-punt (a)
Artikolu 6(2), il-punt (b)	Artikolu 16b(2), il-punt (b)
Artikolu 6(2), il-punt (c)	Artikolu 16b(2), il-punt (c)
Artikolu 6(3), (4), (5), (6), (7) u (8)	-

Id-Direttiva 2002/65/KE	Id-Direttiva 2011/83/UE, kif emendata b'din id-Direttiva
Artikolu 7(1), formulazzjoni introdutturja	Artikolu 16c(1), formulazzjoni introdutturja
Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 16c(1), il-punt (a)
Artikolu 7(1), it-tieni inċiż	Artikolu 16c(1), il-punt (b)
Artikolu 7(2)	-
Artikolu 7(3)	Artikolu 16c(2)
Artikolu 7(4)	Artikolu 16c(3)
Artikolu 7(5)	Artikolu 16c(4)
Artikolu 9	-
Artikolu 10	-
Artikolu 11, l-ewwel u t-tielet subparagrafi	Artikolu 24(1)
Artikolu 11, it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 12(1)	Artikolu 25, l-ewwel subparagrafu
Artikolu 12(2)	-
Artikolu 13(1)	Artikolu 23(1)
Artikolu 13(2)	Artikolu 23(2)
Artikolu 13(3)	-
Artikolu 14	-
Artikolu 15	-
Artikolu 16	-
Artikolu 17	-
Artikolu 18	-
Artikolu 19	-
Artikolu 20	-
Artikolu 21	-
Artikolu 22	-
Artikolu 23	-